A.L. 51 ta' l-2010

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Kumpless Sportiv għal Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għal Għawdex, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Kumpless Sportiv għal Għawdex, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Kumpless Sportiv għal Għawdex, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 120 ta' l-1995.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-partita –

UTENT/GĦAN	FAĊILITAJIET	DRITTIJIET
"Dritt ta' sħubija bħala membru għal sena għal residenti ta' Malta u Għawdex	Kull faċilità	€10 kull persuna €15 kull familja"

għandhom jidħlu dawn iż-żewġ partiti li ġejjin:

UTENT/GĦAN	FAĊILITAJIET	DRITTIJIET
"Dritt ta' sħubija bħala membru	*Gym* u *Weight Lifting Facility*	€12 ta' xahar sħubija €33 ta' tliet xhur sħubija €60 ta' sitt xhur sħubija €100 ta' sena sħubija
Dritt ta' sħubija bħala membru għal sena għal residenti ta' Malta and Gozo	Kull faċilità li ma tinkludix il-*Gym* u *Weight Lifting*	€10 kull persuna €15 kull familja"; u

(b) minflok il-partita –

UTENT/GĦAN	FAĊILITAJIET	DRITTIJIET
"Klassijiet/Lezzjonijiet	Fis-Sala ż-żgħira	€2 għal kull siegħa"

għandha tidħol din il-partita li ġejja:

UTENT/GĦAN	FAĊILITAJIET	DRITTIJIET
"Klassijiet/Lezzjonijiet	Kull faċilità	€10 għal kull siegħa u nofs jew parti minn dak il-ħin".